# Tagħrif fuq il-Liċenzja Speċjali għall-Insib fil-Ħarifa 2013.

### Kemm ser jinħarġu Liċenzji Speċjali għall-Insib fil-Ħarifa 2013?

Il-Wild Birds Regulation Unit (WBRU) fi ħdan il-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima ser joħroġ Liċenzja Speċjali għall-Insib fil-Ħarifa 2013 għal kull min hu eliġibbli. Dawn il-liċenzji speċjali mhumiex trasferibbli. Sabiex applikant ikun eliġibbli għall-Liċenzja Speċjali għall-Insib fil-Ħarifa, l-applikant irid ikollu fil-pussess tiegħu *Carnet de Chasse* (liċenzja għall-insib tal-għasafar) valida u jkun irreġistra il-mansab tiegħu mal-Pulizija ta' Malta (sa massimu ta' żewġ siti tal-insib).

### Fejn u meta jista' wieħed japplika?

L-uffiċċji kollha tal-Maltapost jilqgħu l-applikazzjoni għall-Liċenzja Speċjali għall-Insib fil-Ħarifa 2013 mit-Tnejn 23 ta' Settembru sas-Sibt 28 ta' Settembru, waqt il-ħinijiet tal-ftuħ. Mal-applikazzjoni, kull applikant irid iħallas 10 Ewro u jippreżenta l-karta' tal-identità u l-ktieb tal-*Carnet de Chasse - għall insib tal-Għasafar* 2013-14 tiegħu. Jekk ser tapplikalek persuna oħra f'ismek, apparti l-*Carnet de Chasse - għall insib tal-Għasafar* 2013-14 u l-karta tal-identità tiegħek, dik il-persuna trid tippreżenta ukoll il-karta tal-identità tagħha.

### X'inhu l-ħlas marbut mal-Liċenzja Speċjali għall-Insib fil-Ħarifa?

Il-Liċenzja Speċjali għall-Insib fil-Ħarifa 2013 tiswa 10 Ewro li jitħallsu mal-applikazzjoni.

### Xi speċi jistgħu jiġu minsuba?

L-Insib fil-Ħarifa 2013 ser jiftaħ għal żewġ speċi biss, li huma il-Malvizz (*Turdus philomelos*) u l-Pluviera (*Pluvialis apricaria*).

### Meta jista' jiġi pprattikat l-Insib fil-Ħarifa 2013?

L-insib għal-Malvizz ser ikun permissibbli mill-Ħadd 20 ta' Ottubru 2013 sat-Tlieta 31 ta' Diċembru 2013. L-insib għall-Pluviera ser ikun permissibbli mill-Ħadd 20 ta' Ottubru 2013 sal-Ġimgħa 10 ta' Jannar 2014. F'dawn il-perjodi, l-insib jista' jsir bejn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sa sagħtejn wara nżul ix-xemx.

### Kemm hi l-kwota nazzjonali tal-insib (*national bag*)?

Il-kwota nazzjonali (*national bag*) hija ta' massimu ta' 5,000 Malvizz u 1,150 Pluviera.

### Kemm jista' wieħed jaqbad Mlievez u Pluvieri?

Biex jiġi rispettat il-limitu ta' għasafar li jistgħu jiġu minsuba fil-Ħarifa 2013, se tingħata kwota individwali ta' massimu ta' qbid ta' sitt (6) għasafar għal kull liċenzja li tinħareġ. L-istaġun tal-insib jingħalaq malli jintlaħaq il-limitu (*national bag*) ta' għasafar li jistgħu jiġu minsuba. Jekk jintlaħaq il-limitu ta' speċi waħda ta' għasafar biss (Malvizz: 5,000; Pluviera: 1,150), l-istaġun jingħalaq immedjatament b'rispett ta' dik l-ispeċi biss.

### Kif ser jiġi użat is-servizz ta' messaġġi bil-miktub (SMS)?

Kull nassab li jingħata Liċenzja Speċjali għall-Insib fil-Ħarifa 2013 se jkun obbligat sabiex, immedjatament kif jaqbad għasfur, jibgħat messaġġ (SMS) vojt fuq in-numru rispettiv kif indikat fil-Liċenzja Speċjali. Kull persuna li jkollha Liċenzja għall-Insib fil-Ħarifa 2013 ser tkun ukoll mgħarrfa minnufih (permezz tas-servizz ta' SMS fuq in-numru indikat minn dik il-persuna fl-applikazzjoni għal-Liċenzja Speċjali għall-Insib fil-Ħarifa 2013) bl-għeluq tal-istaġun kollu jekk jintlaħaq il-limitu nazzjonali għaż-żewġ speċi u bl-għeluq ta' parti mill-Liċenzja Speċjali għall-Insib fil-Ħarifa 2013 f'każ li jintlaħaq il-limitu ta' speċi waħda.

### Il-mansab li ser nagħmel użu minnu, irid ikun irreġistrat?

Iva, il-mansab irid ikun irreġistrat mall-Kummissarju tal-Pulizija u ma jistax ikun f' xi santwarju jew riserva tal-għasafar jew fuq Xagħri fi ħdan siti ta' Natura 2000. Għelieqi li jinħadmu u li huma uffiċjalment rreġistrati

mal-, u aċċettati mill-, Paying Agency għal skop ta' kultivazzjoni tal-uċuh tar-raba' u li jintgħarfu li huma għelieqi mir-ritratti mill-ajru tal-2008 kif ippubblikati mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, u li qedin fil-konfini fil-mapep ppubblikati mid-Direttur tal-Ambjent skont Regolament 2 tal-Avviż Legali 303 tal-2012, ma jitqiesux bħala xagħri.

**X'għandi nżomm fuqi waqt l-insib?**

Waqt li jkun għall-insib, in-nassab huwa obbligat li jżomm fuqu il-Liċenzja Speċjali tal-Insib fil-Ħarifa 2013, il-ktieb tal-*Carnet de Chasse - għall insib tal-Għasafar* 2013-14, dokument ta' identifikazzjoni u kopja tal-pjanta (*site plan*) ittimbrata mill-Pulizija li turi il-pożizzjoni tal-mansab. Importanti li kopja ta' din il-pjanta (jew pjanti sa massimu ta' żewġ siti skont il-każ) tibqa' imwaħħla mal-Liċenzja.

**Kif jista' jsir l-Insib għall-Malvizz u għall-Pluviera?**

Kull persuna liċenzjata għall-Insib fil-Ħarifa 2013 għandha tuża biss xbieki tradizzjonali li jitħaddmu bl-idejn u bl-intervent uman biss, u li d-daqs tal-malji tax-xbieki ma jkunx inqas minn 30 millimetru kwadru. L-użu ta' apparat elettriku, elettroniku jew mekkaniku huwa projbit.

**Fejn ma jistax isir l-Insib?**

L-insib ma huwiex permissibli f' santwarji tal-għasafar jew fuq Xagħri fi ħdan siti ta' Natura 2000 jew fuq siti tal-insib li ma ġewx irreġistrati. Għelieqi li jinħadmu u li huma uffiċjalment rreġistrati mal-, u aċċettati mill-, Paying Agency għal skop ta' kultivazzjoni tal-uċuh tar-raba' u li jintgħarfu li huma għelieqi mir-ritratti mill-ajru tal-2008 kif ippubblikati mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, u li qedin fil-konfini fil-mapep ppubblikati mid-Direttur tal-Ambjent skont Regolament 2 tal-Avviż Legali 303 tal-2012, ma jitqiesux bħala xagħri.

**Kemm jista' wieħed ikollu għajat u taħrik fuq il-mansab?**

Wieħed jista' jżomm sa massimu ta' għaxar (10) għasafar bħala għajat u taħrik (*decoys*) fuq is-sit tal-insib kif ukoll waqt li jkun sejjer jew ġej mill-istess sit. L-għajat u taħrik għandhom jiġu immarkati permezz ta' ċurkett li jista' jintuża darba biss. Dawn iċ-ċrieket jaslu għand l-applikant flimkien mal-Liċenzja Speċjali permezz ta' posta reġistrata.

**X'għandi nagħmel jekk naqbad għasfur b'ċurkett f'saqajh?**

Jekk inti taqbad għasfur b'ċurkett f'saqajh għandek tieħu id-dettalji kollha ta' fuq iċ-ċurkett u timla il-formola mehmuża mall-liċenzja. L-għasfur għandu jiġi meħlus dak il-ħin stess fuq is-sit u il-formola għandha tintbagħt lill-Wild Birds Regulation Unit, fuq l-indirizz indikat fuq l-istess formola, immedjatament wara li jingħalaq l-istaġun.

**Kemm jiswew iċ-ċrieket?**

Iċ-ċrieket ser jitqassmu b'miżata ta' ħamsin ċenteżmu tal-ewro (0.50 Ewro) kull ċurkett. Il-ħlas isir lill-Maltapost skont l-ammont indikat fuq l-applikazjoni dakinhar li tiġi sottomessa l-istess applikazzjoni. Ma humiex ser jingħataw aktar ċrieket mill-ammont imniżżel fl-applikazzjoni.

**X'għamla u kulur ser ikunu iċ-ċrieket provduti?**

Iċ-ċrieket huma tal-għamla ta' ċintorin b'siġġil (*cable tie),* dawn għandhom jitpoġġew ma' sieq l-għasfur minn nassab skond kif indikat fuq il-fuljett anness mal-Liċenzja Speċjali tal-Insib fil-Ħarifa. Il-kulur **kannella** għandu jintuża fuq il-**Malvizz** u il-kulur <u>blu</u> għandu jintuża fuq il-<u>Pluviera</u>.

**Kif ser ikun żgurat l-infurzar tal-kundizzjonijiet tal-Liċenzja Speċjali għall-Insib fil-Ħarifa**

Il-Gvern huwa kommess li jkompli jaħdem fuq is-superviżjoni u l-infurzar tal-istaġuni tal-insib biex jiġi aċċertat li jinżammu l-limiti tal-insib. Se jiżdiedu l-Pulizija ngaġġati mal-Unit għall-Infurzar tal-Liġi

Amministrattiva (ALE), u se jiġu ngaġġati marixxalli għall-perjodu tal-Insib fil-Ħarifa. Għal kull elf (1,000) nassab li jkunu fil-pussess ta' Liċenzja Speċjali għall-Insib fil-Ħarifa 2013, għandu jkun hemm fuq ix-xogħol għall-inqas seba' (7) uffiċjali tal-Pulizija u/jew marixxalli matul is-siegħat kollha li fihom ikun miftuħ l-istaġun tal-insib fil-Ħarifa. Barra dawn is-siegħat, għandu jkun hemm għall-inqas żewġ (2) uffiċjali tal-Pulizija u/jew marixalli matul il-ħinijet tad-dawl tax-xemx.

Il-Pulizija, assistita mill-marixxali kif jista' jkun meħtieġ, għandha tkompli twettaq verifiki fuq il-post għall-inqas ġimgħatejn wara li jkun għalaq l-istaġun tal-insib fil-Ħarifa, sabiex jipprevjenu l-insib illegali. Wara li jkun għalaq l-staġun tal-insib fil-Ħarifa, għal kull elf (1,000) Liċenzja għall-Insib fil-Ħarifa maħruġa dik is-sena, għandu jkun hemm fuq ix-xogħol għall-inqas tliet (3) uffiċjali tal-Pulizija u/jew marixxali tal-kaċċa matul il-ħinijiet tad-dawl tax-xemx.

Minbarra l-obbligu li jibgħatu messaġġ (SMS) vojt fuq in-numru indikat fil-Liċenzja malli jaqbdu għasfur, in-nassaba huma obbligati ukoll li jimlew il-*Carnet de Chasse* bid-dettalji rispettivi qabel ma jitilqu minn fuq il-mansab.

Il-Pulizija, kif assistita mill-marixxali kif jista' jkun meħtieġ, se tagħmel *spot checks* regolari biex jiġu sorveljati l-kundizzjonijiet kollha marbuta mal-istaġun tal-insib fil-Ħarifa.

Mhux se jiġi tollerat l-ebda ksur tar-regolamenti. Min jinqabad jikser ir-regoli u l-kundizzjonijiet tal-għoti ta' Liċenzji Speċjali għall-Insib fil-Ħarifa 2013 jitlef il-Liċenzja Speċjali tal-Insib fil-Ħarifa 2013 u l-liċenzja ġenerali tal-insib u jingħata wkoll penali oħra skond il-liġi, skond is-severità tal-każ.

---

## Information on the Autumn 2013 live-capturing of birds Special Licence

### How many Special Licences for Autumn 2013 live-capturing will be issued?

The Wild Birds Regulation Unit (WBRU) within the Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change will issue an Autumn live-capturing licence to anyone who is eligible. This special licence would not be transferable. Eligible applicants are those applicants who hold a valid *Carnet de Chasse* (trapping licence for birds) in their possession and who would also have registered their trapping site with the Malta Police (up to a maximum of two trapping sites).

### Where can one apply?

Eligible applicants may apply at any MaltaPost branch for an Autumn live-capturing licence 2013 between Monday 23rd September and Saturday 28th September, during opening hours. Upon application, each applicant must pay Euro 10 and present his/her Identity Card together with his/her *Carnet de Chasse – Trapping* 2013-2014 document. Any person may apply on behalf of the applicant provided that, apart from the applicant's Identity Card and *Carnet de Chasse*, that person also presents his/her Identity Card.

### What is the charge when applying for the Autumn live-capturing licence 2013?

The Autumn live-capturing licence 2013 costs Euro 10 payable on application.

### Which species may be live-captured?

Song Thrush (*Turdus philomelos*) and Golden Plover (*Pluvialis apricaria*) are the only two species which may be live-captured in Autumn 2013.

### At what time and on which days can live-capturing in Autumn 2013 be practiced?

Trapping for Song Thrush is permitted from Sunday 20th October 2013 to Tuesday 31st December 2013. Trapping of Golden Plover is allowed from Sunday 20th October 2013 to Friday 10th January 2014. Trapping during these periods may only take place between two hours before sunrise until two hours after sunset.

### What is the trapping quota for Autumn 2013 (national bag limit)?

The quota (national bag limit) is of a maximum of 5,000 Song Thrush and 1,150 Golden Plover.

### How many Song Thrushes and Golden Plover may one live-capture?

In order for this national quota to be respected an individual quota is set, and a licensed individual can trap a maximum six (6) birds per licence issued. The trapping season shall close as soon as the national limit for the two species is reached. If the national quota of any one species (Song Thrush – 5000, Golden Plover – 1150) is reached, then the season for that species is immediately closed.

### How is the SMS service going to be used?

Any trapper in possession of an Autumn 2013 live-capturing licence is obliged to send a blank text message (SMS) to the number indicated on the Special Licence as soon as a bird is trapped. Each trapper holding an Autumn 2013 live-capturing licence shall also be informed immediately (by means of a text message (SMS) on the number indicated by that person in the application for an Autumn 2013 live-capturing licence) when the season is closed completely if the national limit is reached and with the closure of part of the Autumn 2013 live-capturing licence in the case that the limit is reached for one species.

### Should my trapping site be registered?

Yes, the trapping site to be used should be registered with the Commissioner of Police and should not be within any bird sanctuary nor on "xagħri" within Natura 2000 sites. Cultivated agricultural fields, which are

officially registered with and accepted by the Paying Agency for the purpose of cultivating agricultural crops and can also be identified as agricultural fields on the aerial photo maps of 2008 published by the Malta Environment and Planning Authority, and which are located within the boundaries indicated in the maps published by the Director for Environment Protection in terms of Regulation 2 of the Legal Notice 303 of 2012, are not designated as "Xagħri".

**What sort of documents shall I keep in my possession whilst trapping?**

Whilst trapping, a trapper is obliged to keep in his possession the Autumn 2013 Special Live-Capturing Licence, the *Carnet de Chasse* Booklet – *for trapping of birds* 2013-2014, an identification document and a copy of the site plan duly stamped by the police that indicates the location of the trapping site. It is important that a copy of such site plan/s (up to a maximum of two sites) remain attached with the Licence.

**How can the trapping for Song Thrush and Golden Plover be carried out?**

Trapping shall only be carried out by means of traditional manually operated clap nets, having a mesh size of net not smaller than 30mm square and that are solely operated by human intervention. The use of electrical, electronic or mechanical means is prohibited.

**Where is live-capturing not permissible?**

Trapping is not permitted within bird sanctuaries or on "xagħri" within Natura 2000 sites or on un-registered trapping sites. Cultivated agricultural fields, which are officially registered with and accepted by the Paying Agency for the purpose of cultivating agricultural crops and can also be identified as agricultural fields on the aerial photo maps of 2008 published by the Malta Environment and Planning Authority, and which are located within the boundaries indicated in the maps published by the Director for Environment Protection in terms of Regulation 2 of the Legal Notice 303 of 2012, are not designated as "Xagħri".

**How many live bird decoys can I use on the trapping site?**

One can only make use of a maximum of 10 live decoys that can be in the trapper's possession on the trapping site or when going to or coming from the trapping site. All of these live bird decoys have to be marked with a single-use ring. These single-use rings will be sent to the applicant together with the Special Licence via registered mail.

**What should I do if I trap a bird bearing a ring?**

Details of the ring should be taken and the ring-recovery form attached to the licence should be appropriately filled. The bird should be released on site and the form is to be passed to the Wild Birds Regulation Unit on the address indicated on the same form as soon as the Autumn 2013 live-capturing season is closed.

**What is the cost of the rings?**

Rings will be distributed at a fee of fifty euro cents (Eur 0.50) for each ring. Payment for the rings shall be effected at the Maltapost branch according to the amount of tags indicated on the application form. No additional rings over and above those specified by the applicant on the application form will be supplied.

**What colour are the rings and what kind of rings are these?**

The rings come as a cable tie that have to be placed around the bird's leg by the trapper himself according to the instructions given on the leaflet that will be attached to the Autumn live-capturing special licence document. **Brown** cable ties are to be used on **Song Thrush** whilst the <u>blue</u> ones are to be used on <u>Golden Plover</u>.

**How is the enforcement of the conditions of the Autumn live-capturing licence 2013 going to be ensured?**

The Government is committed to continue to work on supervision and enforcement to ensure that the quotas are not exceeded. Additional Police within the Administration Law Enforcement (ALE) Unit and marshals shall also be employed during the Autumn live-capturing season. For each one thousand (1000) hunters in possession of the Special Licence for Autumm 2013 live-capturing season, seven (7) police officers or marshals shall be on duty during the hours when Autumn trapping is permitted. Outside these hours, at least two (2) Police officers or marshals shall also be on duty during the hours of daylight.

The Police, assisted by marshals as may be necessary, shall continue to carry out on-site verifications until at least two weeks following the end of the autumn trapping season, in order to prevent illegal trapping. Following the closure of the Autumn trapping season, for every one thousand (1000) Autumn Trapping Licences issued at least three (3) Police officers and/or marshals shall be on duty during the hours of daylight.

Apart from the requirement to send a text message (SMS) on the number specified on the Licence as soon as they catch a bird, trappers are also required to fill in the *Carnet de Chasse* with the respective details before leaving the trapping site.

The Police, as assisted by marshals as may be necessary, shall carry out regular spot checks so as to monitor all the conditions related to the Autumn trapping season.

Any violations of the regulations will not be tolerated. Anybody caught breaching the rules and conditions of the grant of the Autumn live-capturing licence 2013 loses the Autumn live-capturing licence 2013 and the general trapping licence, and will also be given other penalties under the law, according to the severity of the case.

---